MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 3/2004

Galea General Services Limited .

vs

Mark Kevin Camilleri .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attrici talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhux jiġi kkundannat iħallas is-soċjeta' attriċi s-somma ta' elfejn tlett mija u sitta u disgħin lira Maltija u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm 2396.97) rappreżentanti bilanċ dovut minnek minn prezz ta' vettura tal-marka Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni EAU-454 li kienet inxtrat mill-konvenut mingħand is-soċjeta' attriċi .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri tat-8 ta' April 2002 u bl-imgħax legali mid-data li huwa dovut sad-data tal-ħlas effettiv .

Bl-inġunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż ;

2. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju l-konvenut qed jeċċepixxi l-privilegium fori stante li huwa residenti Malta ;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-konvenut ma għandu jagħti xejn lis-soċjeta' attriċi .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat il-verbal tagħha tat-28 ta' April 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza, fuq l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori .*

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni preliminari tiegħu l-konvenut qed jinvoka l-'*privilegium fori*' u ċioe' d-dritt jew aħjar benefiċċju li jiġi mħarrek f'Qorti partikolari . Mhux kontestat illi l-konvenut fil-kawża odjerna jirrisjedi fil-gżira ta' Malta . Infatti anke l-indirizz li ngħata għan-notifika lilu taċ-ċitazzjoni huwa f'Malta .

L-artiklu 741(c). jittratta l-eċċezzjoni ta' inkompetenza ta' xi Qorti meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem Qorti partikolari . L-artikolu 767 imbagħad jagħti l-benefiċċju lil persuni li jkunu joqgħodu fil-gżira ta' Malta li jiġu mħarrka f'dik il-gżira, u lil dawk li joqgħodu f'Għawdex rigward il-Qorti ta' din il-gżira .

Għalhekk *prima facie* jidher illi l-konvenut għandu raġun iqajjem din l-eċċezzjoni, ġialadarba ġie imħarrek fil-Qorti

ta’ din il-gżira u mhux f’dik ta’ fejn titqies li hija r-residenza tiegħu.

Imma l-Qorti ma tistax tieqaf hawn, għax importanti ferm għas-soluzjoni ta’ din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tingħata waħda mill-eċċezzjonijiet għal din ir-regola rilevanti għall-każ in eżami . Infatti dan l-istess artikolu jgħid illi : “**l-‘privilegium fori’ jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari**” .

Fid-duttrina legali nsibu jingħad illi :

“*Foro per le cause relative a diritti di obbligazione e’ quello del luogo in cui e’ sorta o deve eseguirsi l-obbligazione dedotta in giudizio.”*[1]

Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkażjonijiet jesprimu ruħhom dwar din l-eċċezzjoni tal-‘*privilegium fori’*, u din il-Qorti tiffaċċja tali eċċezzjoni prattikament kull darba li xi ħadd residenti Malta jiġi mħarrek quddiemha . Dejjem pero’ ġie ritenut illi, kif tistipula l-liġi stess, dan il-benefiċċju tal-konvenut jispiċċa kemm-il darba jiġi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwara obbligazjoni li kellha titwettaq fi gżira partikolari . Il-prinċipju ewlieni li dejjem ġie segwit mill-qrati tagħna kien illi, fejn in-negozju ġuridiku fil-parti preponderanti tiegħu kellu jiġi esegwit fi gżira partikolari, dik il-gżira kellha kompetenza tisma l-kawża; (ara f’dan ir-rigward : Appell Ċivili : Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw : 20.5.94; Appell Kummerċjali : Vivian Gatt noe.v. Carmelo Grima : 12.2.92; u cit. 6/1996 : “Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited” mogħtija fit-22 ta’ April 1997 u kkonfermata fl-Appell) .

Minn dak li rriżulta s’issa, fil-każ preżenti nsibu illi s-soċjeta' attriċi qed titlob lill-Qorti tordna lill-konvenut iħallas il-bilanċ ta' prezz ta' karozza mixtrija mingħandha . Is-soċjeta' attriċi għandha s-sede tagħha fil-gżira ta' Għawdex, u fin-nuqqas ta' prova li kien hemm xi ftehim dwar fejn kellu jsir il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-karozza

[1] Salvatore Sotto : Diritto Processuale Civile, pag. 17 .

mixtrija, l-obbligazzjoni ewlenija tal-konvenut, huwa preżunt illi dan il-ħlas kellu jsir ukoll f'din il-gżira .

Għaldaqstant f'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn l-obbligu ewlieni tal-konvenut kellu jitwettaq fil-gżira ta' Għawdex, ġie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispiċċa l-'*privilegium fori'* tal-konvenut .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar din l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, billi tiċħad l-istess eċċezzjoni u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni .

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------